MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 260/2007

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**C D E sive E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici, wara li ppremettiet li, l-partijiet kienu zzewgu fl-14 ta’ April 1992, u li l-kunsens matrimonjC ta’ l-attrici kien vizzjat fit-termini ta’ l-paragrafi [a], dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenut, fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; talbet li din l-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg tal-partijiet;

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob dikjarazzjoni gudizzjC fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta' April 1992 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjC tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-artikoli tal-ligi kif fuq indikat.

**Il-Fatti**
Il-partijiet izzewgu civilment fl-14 ta' April 1992, meta allura, l-attrici, cittadina maltija, kellha 21 sena, u l-konvenut, cittadin Libjan, kellu 23 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sitt xhur, u meta allura l-attrici kellha sitt xhur tqala' mill-konvenut. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal.

Illi wara konvivenza matrimonjC ta' circa ghaxar snin, u li kienet turbolenti u iebsa hafna ghall-attrici, il-partijiet isseparaw de facto; u fid-29 ta' Mejju 2008 iddivorzjaw bir-rit muzulman.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tispjega li meta hi kienet ltaqghet mal-konvenut kien ghad kellha 18-il sena, u kienet tghix wahedha ma' missierha peress li ommha kienet mejta. Tghid li, peress li missierha kellu relazzjoni ma' mara barranija, ftit li xejn kien jaghti kazha, u kien biss ihallilha l-flus biex tghix. L-attrici tghid li kienet tkun wahedha hafna.

Kienu dawn ic-cirkostanzi li fihom hija iltaqghet mal-konvenut, u eventwalment hbiebha hajruha taccetta li tibda tohrog mieghu, bir-rizultat li, wara ftit taz-zmien, hija harget tqila mill-konvenut. Kien ghalhekk li hija accettat li tizzewweg lill-konvenut li dak iz-zmien ma kienx jahdem.

Sussegwentement, bis-sahha taghha, huwa ottjena l-viza u kien sab xoghol ta’ plasterer, izda wara z-zwieg ma riedx ikompli f’ dan ix-xoghol ghax ried “xoghol pulit”.

L-attrici tghid li malli zzewgu, mill-bidunett, huwa kien johrog wahdu filghaxija u kien jirritorna fis-sieghat bikrin ta’ filghodu, ta’ sikwit xurban. Sandanittant huwa kien waqaf jahdem u kien jghix ma’ missier l-attrici, li kien imantni liz-zewg partijiet. Wara ftit xhur taz-zwieg, l-attrici skopriet li l-konvenut kien qed ikun infidil lejha, u l-inkwiet beda jaggrava, tant li l-partijiet isseparaw de facto ghal xi zmien.

L-attrici tkompli tirrakkonta l-hajja nfelici li kellha ma’ zewgha. Tghid li, ghalkemm hi kienet tahfirlu, ghax dejjem tispera li l-affarijiet kienu ser jinbidlu, il-konvenut kien baqa’ bl-istess stil ta’ hajja. Huwa kien irrisponsabbli, u kien insensittiv fil-konfront taghha. Tghid li meta qaltlu li kienet inqabdet tqila bit-tieni wild “tghidx kemm indanna, tghidx kemm irrabja u beda jghajjarni u jghidli ‘dak it-tifel mhux tieghi, u dak il-baby mhux tieghi’ u kien isawwatni, u dawn l-affarijiet.”[1] Tghid li s-sitwazzjoni ta’ bejniethom tant aggravat li kien hemm okkazzjonijiet meta hebbew ghal xulxin bi skieken.

Eventalment l-attrici regghet skopriet li l-konvenut kellu relazzjoni extra matrimonjC ma’ mara ohra; u l-partijiet isseparaw de facto.

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li meta kien johrog ma’ l-attrici huwa ma kellhux l-intenzjoni li jizzewweg; izda meta harget tqila kien hemm hafna pressjoni minn naha ta’ missierha biex jizzewgu.

Jghid li “mill-bidu li zzewwigna kellna hafna problemi.”[2] Jghid li meta fil-bidu kien ghamlu sentejn jghixu fid-dar ta’ missier l-attrici, kien ikun hemm hafna inkwiet bir-rizultat li

---

[1] Dep. fol.87
[2] Dep. 130

darba spicca barra mid-dar u dam sitt xhur jghix separat minn ma' martu.

Jghid ukoll li hu u martu kienu jiggieldu kontinwament, anke fuq affarijiet zghir, u martu kienet aggressiva hafna, u gieghli garatlu affarijiet. Kienet tkeccih barra mid-dar. “Konna niggieldu fuq affarijiet zghar, nispicca tkeccini mid-dar, u nispicca nghix hafna zmien barra.” Spjega li meta tkeccih kienet twaddablu hwejjgu barra, gieghli mit-tieqa.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jieddeponu, u fil-fehema taghha jirrizulta manifest li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjC z-zewg partijiet kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq l-import tal-hajja matrimonjC. Huma ma kienux preparati ghaz-zwieg, u fil-fatt, malli zzewgu bdew il-problemi u l-inkwiet kontinwu li wassal ghas-separazzjoni bejniethom. Il-provi juru li huma kienu nkapaci li jassumu l-obbligi tal-hajja konjugC, senjatament dak bazat fuq unjoni diretta lejn il-benessere reciproku. Huma kienu nkapaci li jibnu bejniethom komunjoni ta’ hajja u ta’ mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt skond l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta’ April 1992.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------